FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 11 TA' DICEMBRU, 2001**

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 1382/01 AE**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Mark Dimech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u sitta u disghajn lira Maltija (Lm296) in kwantu ghas-somma ta' mitejn u erbgha u tmenin lira Maltija (Lm284) prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta' tnax-il lira Maltija (Lm12) bhala imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq dan l-ammont.

Semgha lill-avukat Dr. John Laferla jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat bl-avviz tat-talba baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher fis-seduti.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u jikkudanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u sitta u disghajn lira Maltija (Lm296), bl-imghax fuq is-somma ta’ mitejn u erbgha u tmenin lira Maltija (Lm284) ikompli jiddekorri mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz tat-talba sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**